MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Numru. 344/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Charlot Aquilina**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Charlot Aquilina ta’ 22 sena iben Emanuel u Dolores nee` Agius imwieled Pieta’ nhar il-11 ta’ Gunju 1980 u residenti gewwa fond numru 109, Flt 1, Triq Ghajn Dwieli, Paola u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 418380 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

A. Nhar il-21 t’ April, 2003 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin, f’ hinijiet differenti u f’ postijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta’ l-Artikolu. 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B. Nhar il-21 t’ April, 2003, mill-hanut ‘ Marken’, li jinsab fil-Pjazza Antoine de Paule, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ ‘video digital camera’, ta’ l-ghamla Casio, mudell Exilim, 2.0 Mega Pixels EX-M2 bin-numru tas-serje N783059199D, liema video digital camera tiswa mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm 220). Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta’ video digital camera ta’ l-ghamla Casio, mudell Exilim 2.0 Mega Pixels EX-S2 u bin-numru tas-serje : N7830783633C, liema video digital camera tiswa mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm 185). Fl-istess data, hin u lok ikkommetta wkoll is-serq ta’ video digital camera ta’ l-ghamla Casio, mudell Exilim 1.2 Mega Pixels EX-S1 u bin-numru tas-serje : N783045790A, liema video digital camera tiswa mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm 145) ghad-detriment ta’ Mark Tabone mill-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta ta’ haga misruqa u dana bi ksur ta’ l-Artikoli 263,267 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C. Nhar it-8 t’ April, 2003, mill-hanut ‘Marken’, li jinsab fil-Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ zewg video cameras ta’ l-ghamla JVC mudelli GR-DVX 400 EG bin-numru tas-serje’ 13751692 u GR- DVL 160 EG bin-numru tas-serje’ 137H9006 li jiswew hames mija u hdax-il lira (Lm511) ‘l wahda. Fl-istess data, hin u lok ikkommetta s-serq ta’ zewg tripods li jiswew seba’ liri u hamsin centezmu (Lm 7.50) ‘il wiehed, ghad-detriment ta’ Joseph Tabone mill-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa u dana bi ksur ta’ l-Artikoli : 263, 267, 270 u 271 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

D. Sar recidiv b’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema saru defenittivi.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq inidikati.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' April 2003 (esebit a fol. 8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' April 2003 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment, inkluz is-Social Inquiry Report li jinsab esebit a folio 104 sa 125 tal-process kif ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat li tinsab inserita a folio 97 sa 99 tal-process.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda zewg incidenti ta' serq li saru mill-hanut bl-isem Marken li jinsab fi Pjazza Antoine de Paule, gewwa Rahal il-Gdid u cioe' serq li sar fit-8 ta' April 2003 u l-iehor fit-21 ta' April 2003 fejn insterqu xi video digital cameras, li d-dettalji taghhom jinsabu indikati fic-charge sheet, mid-display window tal-imsemmi hanut. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv f'dan il-kaz, u cioe' l-Ispettur Jesmond Borg, kif ukoll mix-xhieda tal-propjetarju tal-imsemmi hanut Joseph Tabone, u mix-xhieda ta' ibnu Mark Tabone, in kwantu jirrigwarda l-incident tal-21 ta' April 2003 Mark Tabone li kien qed jaqdi n-nies fil-hanut kien lemah lill-imputat qed jiehu xi oggetti mid-display window u huwa kien ghalhekk hareg jigri wara l-imputat, ghajjatlu sabiex jieqaf u meta dan kompla jigri huwa gera warajh, qabdu u zammu sakemm gew il-Pulizija fuq il-post. Mix-xhieda tal-istess Mark Tabone (inserita a fol. 45

sa 47 tal-process) jirrizulta li meta kien qed jigri wara l-imputat huwa rah jixhet xi oggetti f'qasrija li kien hemm fil-pjazza, liema oggetti sussegwentement gew elevati mill-Pulizija u rrizulta li kienu cameras li gew misruqa mill-hanut imsemmi aktar 'il fuq. Meta l-imputat ittiehed l-Ghassa u saritlu search instabet camera ohra fil-gakketta tieghu li minn verifiki li ghamlet il-Pulizija wkoll irrizulta li ttiehdet mill-hanut imsemmi.  Joseph Tabone il-propjetarju tal-hanut Marken xehed li fit-8 ta' April 2003 kienu insterqu xi cameras mill-istess display window u ntuza l-istess metodu ta' sgass, u cioe' billi tqabbzet il-lock, u dan ix-xhud qal ukoll li l-imputat kien qallu li lest jaghmel tajjeb ghall-oggetti kollha li gew misruqa mill-hanut tieghu.

L-imputat kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija fit-23 ta' April 2003 (inserita a fol. 31 sa 33 tal-atti processwali) fejn huwa kien innega l-involviment tieghu kemm fis-serqa tat-8 ta' April 2003 kif ukoll f'dik tal-21 ta' April 2003. Dwar il-camera misjuba fil-gakketta tieghu fil-21 ta' April 2003 huwa kien qal lil Pulizija li din kienet waqghet f'hogru waqt li huwa kien qed jara xi cameras fil-hanut.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (depozizzjoni relattiva inserita a fol. 73 sa 77 tal-process) fejn huwa ammetta li kien seraq il-cameras mid-display window tal-hanut Marken fil-21 ta' April 2003 izda cahad li kien involut fis-serqa li saret fit-8 ta' April 2003. L-imputat xehed ukoll li huwa fiz-zmien in kwistjoni kellu problema serja ta' abbuz mid-droga izda qal ukoll li llum il-gurnata temm b'success programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali kontra l-abbuz mid-droga.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li filwaqt li t-tieni akkuza, u cioe' dik rigwardanti is-serqa li saret fil-21 ta' April 2003 tirrizulta ampjament pruvata, l-istess ma jistax jinghad in kwantu jirrigwarda it-tielet akkuza, u cioe' dik rigwardanti s-serqa tat-8 ta April 2003 u l-ewwel akkuza fejn l-imputat jinsab akkuzat b'reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti jidrilha li l-fatt li l-metodu uzat fiz-zewg serqiet in kwistjoni, u cioe' dik tat-8 ta' April u dik tal-21 ta' April, kien l-istess u l-fatt li Joseph

Tabone jghid li l-imputat waqt li kienu qed izommuh Mark u Joseph Tabone sakemm gew il-Pulizija fuq il-post kien accetta li jaghmel tajjeb ghal kollox, ma jistghux jitqiesu li jikkostitwixxu prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat effettivament kien ukoll responsabbli ghas-serq li sar fit-8 ta’ April 2003.

Ikkunsidrat:

In kwantu jirrigwarda ir-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat, din ukoll tirrizulta ampjament pruvata mid-dokumenti esebiti a fol. 55 sa 66 tal-atti processwali.

Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tal-ewwel u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda qed tiddikjarah mhux hati tal-ewwel u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta’ abbuz mid-droga, li huwa ttermina b’success programm ta’ rijabilitazzjoni residenzjali fil-Komunita’ ta’ Santa Marija, li huwa ghadu jzomm kuntatt kontinwu mas-Sedqa u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b’mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba’ snin. Dan kollu gie ukoll ikkonfermat minn Ray Grech (xhieda inserita a fol. 86 u 87 tal-process) li huwa il-Head of Unit tal-Komunita’ Santa Marija kif ukoll minn Mary Tabone (xhieda inserita a fol. 91 u 92 tal-process) li hija *care worker* fl-imsemmija komunita’. Kemm mis-Social Inquiry Report kif ukoll mix-xhieda ta’ Mary Tabone inoltre jirrizulta li tul dawn l-ahhar  erba’ snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv. Mis-Social Inquiry Report jirrizulta wkoll li meta Ray Grech tkellem mal-Probation Officer li hejjiet l-imsemmi rapport huwa wera l-biza tieghu li jekk l-imputat jinghata piena karcerarja hemm il-possibilita’ li huwa jerga’ jibda jabbuza mid-droga. Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet ohra sabiex jirriforma ruhu fil-passat izda huwa xorta wahda

rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.

Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tat-18 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs George Farrugia' fejn intqal is-segwenti :-
Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979) :

"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited…As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22,23).

U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta’ l-Ordni ta’ Probation :

‘The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character’ (p. 236).

Il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-kontenut tas-Social Inquiry Report kif ukoll tax-xhieda ta’ Ray Grech u Mary Tabone jidrilha li hemm xaqq ta’ dawl fis-sens li hemm il-possibilita’ li l-imputat jaqbad it-triq it-tajba b’mod definittiv u ghalhekk mhux ser timponi piena karcerarja effettiva bir-riskju li x-xoghol kollu siewi li sar fir-rijabilitazzjoni tal-imputat jisfaxxa fix-xejn izda ser timponi Ordni ta’ Probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda taghmel Ordni ta’ Probation li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta’ l-ufficjal tal-*probation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perjodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Charlot Aquilina ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Charlot Aquilina kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Charlot Aquilina ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Charlot Aquilina ghandu tul dan il-perjodu ta' probation izomm kuntatt kontinwu mal-Agenzija Sedqa.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.

Illum 6 ta' Novembru, 2008

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Charlot Aquilina

ORDNI TA' PROBATION
(Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta)

Seduta tal-llum 7 ta' Novembru, 2008.

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi Charlot Aquilina gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation.

Wara li fissret bi kliem car l-effett ta’ din l-Ordni ta’ Probation lil hati  inkluz il-htigijiet mizjuda skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 u nnutat li l-imputat wera li jrid ihares il-htigijiet ta’ dik l-istess ordni.

Tordna li l-imsemmi Charlot Aquilina detentur tal-karta tal-identita’ numru 0418380(M)  ta’ 22 sena, iben Emanuel u Dolores nee’ Agius, imwieled Pieta’  nhar il-11 ta’ Gunju 1980 u joqghod fil-fond 109, Flat 1, Triq il-Ghajn Dwieli, Paola jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum taht dawn il-kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta’ probation ta’ tlett (3) snin Charlot Aquilina ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta’ Charlot Aquilina kull sitt (6) xhur bil-miktub.

3. Charlot Aquilina ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b’kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Charlot Aquilina ghandu tul dan il-perijodu ta’ probation izomm kuntatt kontinwu mal-Agenzija Sedqa.

Tordna li kopja ta’ din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------